



Brussell, 11 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16525/23

AGRI 808
AGRIFIN 156
FIN 1269

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 15671/23

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 09/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "L-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista tal-prodotti agrikoli matul il-COVID-19: Ir-rispons tal-UE kien rapidu, iżda ma kienx immirat biżżejjed mill-Istati Membri"

- *Konklużjonijiet tal-Kunsill*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

ir-Rapport Speċjali Nru 09/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "*L-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista tal-prodotti agrikoli matul il-COVID-19: Ir-rispons tal-UE kien rapidu, iżda ma kienx immirat biżżejjed mill-Istati Membri*",

approvat mill-Kunsill fit-3995 laqgħa tiegħu li saret fl-10-11 ta' Diċembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali 9/2023 tagħha bit-titlu:

***"L-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista tal-prodotti agrikoli matul il-COVID-19: Ir-rispons tal-UE
kien rapidu, iżda ma kienx immirat biżżejjed mill-Istati Membri"***

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali 09/2023 tal-Qorti bit-titolu *"L-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista tal-prodotti agrikoli matul il-COVID-19: Ir-rispons tal-UE kien rapidu, iżda ma kienx immirat biżżejjed mill-Istati Membri"*, li jivvaluta jekk ir-rispons tal-UE għat-theddida għall-katina tal-provvista agrikola mill-pandemija kienx xieraq;
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjoni tal-Qorti li r-rispons tal-Kummissjoni għat-theddida għall-ktajjen tal-provvista agrikola mill-pandemija tal-COVID-19 kien ġeneralment adatt iżda mhux immirat biżżejjed u JILQA' r-rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni biex tipproponi regoli ċari u tikkondividi prattika tajba biex ittejjeb l-immirar tal-miżuri tal-PAK, li l-Kummissjoni taċċetta;
3. IFAKKAR li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkondividu l-ġestjoni tal-miżuri favur is-settur agroalimentari u li l-Istati Membri jagħżlu l-benefiċjarji u jimplimentaw il-miżuri proposti mill-Kummissjoni;
4. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' flessibbiltà fl-immirar tal-miżuri ta' kriżi tal-PAK f'kuntest ta' inċertezza u biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipproponu soluzzjonijiet immirati għall-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;
5. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi żgurat li l-miżuri straordinarji tal-UE meħuda fi żminijiet ta' kriżi jkunu konformi mal-prinċipji ta' kompetizzjoni miftuħa u ħielsa fl-UE kollha u JENFASIZZA li, anke f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, l-għoti ta' għajjnuna mill-Istat la għandu jikkawża distorsjoni tas-suq jew tal-kompetizzjoni, u lanqas ma għandu jirriżulta f'kampens żejjed;

6. JILQA' l-ħolqien tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel biex jiġu żgurati koordinazzjoni u tħejjija aħjar fi żminijiet ta' kriżi;
 7. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kriżi tal-Covid-19 bil-ħsieb li tassisti lill-Istati Membri u tippermetti mmirar aħjar tal-appoġġ f'sitwazzjonijiet ta' kriżi futuri.
-